3507	**Enżimi; enżimi preparati li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra:**		
3507 10 00	**– Tames u konċentrati tiegħu**	6,3	—
3507 90	**– Oħrajn:**		
3507 90 30	– – Lipaż ta' lipoproteina; proteiż alkalin *aspergillus*	B'xejn	—
3507 90 90	– – Oħrajn	6,3	—

KAPITLU 36

SPLUSSIVI; PRODOTTI PIROTEKNIĊI; SULFARINI; LIGI PIROFORIĊI; ĊERTI PREPARAZZJONIJIET KOMBUSTIBBLI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix komposti definiti kimikament separati ħlief dawk deskritti f'nota 2(a) jew (b) hawn taħt.
2. L-espressjoni "oġġetti ta' materjali kombustibbli" f'titlu 3606 japplika biss għal:
   (a) metaldejde, eksametilenetetramina u sustanzi simili, ppreżentati f'forom (per eżempju, biċċiet, vireg jew forom simili) għal użu bħala karburanti, karburanti b'bażi ta' alkoħol, u karburanti ppreparati bħalhom, f'forma solida jew semi-solida;
   (b) karburanti likwidi jew ta' gass likwifikat f'kontenituri ta' tip użati għall-mili jew mili mill-ġdid ta' lajters tas-sigarretti jew oħrajn bħalhom u li ma jesgħux aktar minn 300 cm^3; u
   (ċ) torċi ta' raża, qabbada tan-nar u bħalhom.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3601 00 00	**Porvli (*propellent powders*)**	5,7	—
3602 00 00	**Splussivi ppreparati, ħlief porvli (*propellent powders*)**	6,5	—
3603 00	**Fjusijiet tas-sigurta'; fjusijiet detonaturi; kaps tad-daqqa (*percussion*) jew detonaturi; apparati li jqabbdu (*igniters*); detonaturi ta' l-elettriku:**		
3603 00 10	– Fjusijiet tas-sigurta'; fjusijiet detonaturi	6	—
3603 00 90	– Oħrajn	6,5	—
3604	**Ġiġġifogu, murtali tas-sinjali, rokits għax-xita, sinjali għaċ-ċpar u oġġetti oħrajn pirotekniċi:**		
3604 10 00	**– Ġiġġifogu**	6,5	—
3604 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—
3605 00 00	**Sulfarini, ħlief oġġetti pirotekniċi ta' titlu 3604**	6,5	—
3606	**Ferro-ċerju u ligi oħrajn piroforiċi f'kull forma; oġġetti ta' materjali kombustibbli kif speċifikati f'nota 2 għal dan il-kapitlu:**		
3606 10 00	**– Karburanti likwidi jew ta' gass likwifikat f'kontenituri ta' tip użati għall-mili jew mili mill-ġdid ta' lajters tas-sigaretti jew oħrajn bħalhom u li ma jesgħux aktar minn 300 cm^3**	6,5	—
3606 90	**– Oħrajn:**		
3606 90 10	– – Ferro-ċerju u ligi oħrajn piroforiċi f'kull forma	6	—
3606 90 90	– – Oħrajn	6,5	—

KAPITLU 37

OĠĠETTI FOTOGRAFIĊI JEW ĊINEMATOGRAFIĊI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix skart jew fdal.

2. F'dan il-kapitlu, il-kelma "fotografiku" tirreferi għall-proċess li bih xbihat viżibbli jiffurmaw, direttament jew indirettament, bl-azzjoni ta' dawl jew forom oħrajn ta' radjazzjoni fuq uċuħ fotosensittivi.

Noti addizzjonali

1. *Fil-każ ta' films bil-ħoss impurtati f'żewġ strixxi (l-istrixxa li fiha biss ix-xbihat u l-istrixxa wżata għar-rekordjar tal-ħoss), kull strixxa għandha tkun klassifikata fit-titlu proprju tagħha.*

2. *L-espressjoni "films t'aħbarijiet" (newsreels) (subtitlu 3706 90 52) għandha tittieħed li tapplika għal films ta' tul inqas minn 330 m, u li juru ġrajjiet kurrenti ta' natura politika, sportiva, militari, xjentifika, letterarja, folkloristika, turistika, soċjali, eċċ.*

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3701	**Pjanċi fotografiċi u films ċatti, sensitizzati, mhux meħudin, ta' kwalunkwe materjal ħlief karta, kartun jew tessuti; film għal stampar fil-pront ċatt, sensitizzat, mhux meħud, f'pakki jew le:**		
3701 10 00	**– Għal raġġi-X**	6,5	m^2
3701 20 00	**– Film għal stampar fil-pront**	6,5	p/st
3701 30 00	**– Pjanċi oħrajn u film, b'xi ġenb aktar minn 255 mm**	6,5	m^2
	– Oħrajn:		
3701 91 00	**– – Għal fotografija bil-kulur (polikroma)**	6,5	—
3701 99 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3702	**Film fotografiku f'rombli, sensitizzat, mhux meħud, ta' kwalunkwe materjal ħlief karta, kartonċin jew tessuti; film f'rombli għal stampar fil-pront, sensitizzat, mhux meħud:**		
3702 10 00	**– Għal raġġi-X**	6,5	m^2
	– Film ieħor, mingħajr perforazzjonijiet, mhux usa' minn 105 mm:		
3702 31	**– – Għal fotografija bil-kulur (polikroma):**		
3702 31 91	– – – Film negattiv tal-kulur: — wiesa' 75 mm jew aktar iżda mhux aktar minn 105 mm u — twil 100 m jew aktar għall-manifattura ta' pakki ta' film għal ritratti fil-pront ([1])	B'xejn	m
3702 31 97	– – – Oħrajn	6,5	m
3702 32	**– – Oħrajn, b'emulsjoni ta' alide tal-fidda:**		
	– – – Mhux usa' minn 35 mm:		
3702 32 10	– – – – Mikrofilm; film għall-arti grafiċi	6,5	—

([1]) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3702 32 20	– – – – Oħrajn	5,3	—
3702 32 85	– – – Usa' minn 35 mm	6,5	—
3702 39 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
	– Film ieħor, mingħajr perforazzjonijiet, usa' minn 105 mm:		
3702 41 00	**– – Usa' minn 610 mm u itwal minn 200 m, għal fotografija bil-kulur (polikroma)**	6,5	m^2
3702 42 00	**– – Usa' minn 610 mm u itwal minn 200 m, ħlief għal fotografija bil-kulur**	6,5	m^2
3702 43 00	**– – Usa' minn 610 mm u mhux itwal minn 200 m**	6,5	m^2
3702 44 00	**– – Usa' minn 105 mm iżda mhux usa' minn 610 mm**	6,5	m^2
	– Film ieħor, għal fotografija bil-kulur (polikroma):		
3702 52 00	**– – Mhux usa' minn 16 mm**	5,3	—
3702 53 00	**– – Usa' minn 16 mm iżda mhux usa' minn 35 mm u mhux itwal minn 30 m, għas-slajds**	5,3	p/st
3702 54 00	**– – Usa' minn 16 mm iżda mhux usa' minn 35 mm u mhux itwal minn 30 m, ħlief għas-slajds**	5	p/st
3702 55 00	**– – Usa' minn 16 mm iżda mhux usa' minn 35 mm u itwal minn 30 m**	5,3	m
3702 56 00	**– – Usa' minn 35 mm**	6,5	—
	– Oħrajn:		
3702 96	**– – Mhux usa' minn 35 mm u mhux itwal minn 30 m:**		
3702 96 10	– – – Mikrofilm; film għall-arti grafiċi	6,5	—
3702 96 90	– – – Oħrajn	5,3	p/st
3702 97	**– – Mhux usa' minn 35 mm u itwal minn 30 m:**		
3702 97 10	– – – Mikrofilm; film għall-arti grafiċi	6,5	—
3702 97 90	– – – Oħrajn	5,3	m
3702 98 00	**– – Usa' minn 35 mm**	6,5	—
3703	**Karta, kartun u tessuti fotografiċi, sensitizzati, mhux meħudin:**		
3703 10 00	**– F'rombli usa' minn 610 mm**	6,5	—
3703 20 00	**– Oħrajn, għal fotografija bil-kulur (polikroma)**	6,5	—
3703 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—
3704 00	**Pjanċi fotografiċi, film, karta, kartun u tessuti, meħudin iżda mhux żviluppati:**		
3704 00 10	– Pjanċi u film	B'xejn	—
3704 00 90	– Oħrajn	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3705	**Pjanċi u film fotografiċi, meħudin u żviluppati, ħlief film ċinematografiku:**		
3705 10 00	**– Għal riproduzzjoni *offset***	5,3	—
3705 90	**– Oħrajn:**		
3705 90 10	– – Mikrofilms	3,2	—
3705 90 90	– – Oħrajn	5,3	—
3706	**Film ċinematografiku, meħud u żviluppat, b'kolonna sonora inkorporata jew mingħajrha jew magħmulin biss minn kolonna sonora:**		
3706 10	**– Wiesa' 35 mm jew aktar:**		
3706 10 20	– – Magħmulin biss minn kolonna sonora; negattivi; pożittivi intermedji	B'xejn	m
3706 10 99	– – Pożittivi oħrajn	6,5 (1)	m
3706 90	**– Oħrajn:**		
3706 90 52	– – Magħmulin biss minn kolonna sonora; negattivi; pożittivi intermedji; films t'aħbarijiet (*newsreels*)	B'xejn	m
	– – Oħrajn, ta' wisa':		
3706 90 91	– – – Inqas minn 10 mm	B'xejn	m
3706 90 99	– – – 10 mm jew aktar	5,4 (2)	m
3707	**Preparazzjonijiet kimiċi għal użi fotografiċi (ħlief verniċi, kolol, materjali li jwaħħlu u preparazzjonijiet simili); prodotti mhux imħalltin għal użi fotografiċi, ippreżentati f'porzjonijiet meqjusin jew ippreżentati għal bejgħ bl-imnut f'forma lesta għal użu:**		
3707 10 00	**– Emulsjonijiet biex jissensitizzaw**	6	—
3707 90	**– Oħrajn:**		
3707 90 20	– – Kimiċi ta' żviluppar u li jnaddfu (*fixers*)	6	—
3707 90 90	– – Oħrajn	6	—

(1) Rata tad-dazju awtonoma: 5 €/100 m.
(2) Rata tad-dazju awtonoma: 3,5 €/100 m.

KAPITLU 38

DIVERSI PRODOTTI KIMIĊI

Noti

1. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) elementi u komposti definiti kimikament separati bl-eċċezzjoni ta' dawn:

      (1) grafita artifiċjali (titlu 3801);

      (2) insettiċidi, rodentiċida, funġiċida, erbiċida, prodotti kontra n-nebbieta u regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti, disinfettanti u prodotti simili, ippreżentati kif deskritt f'titlu 3808;

      (3) prodotti imqegħdin bħala kargi għal apparat tat-tifi tan-nar jew imqegħdin fi granati għat-tifi tan-nar (titlu 3813);

      (4) materjal ta' referenza ċertifikat speċifikat f'nota 2 hawn taħt;

      (5) prodotti speċifikati f'nota 3(a) jew 3(c) hawn taħt;

   (b) taħlit ta' kimiċi ma' oġġetti ta' l-ikel jew sustanzi oħrajn b'valur nutrittiv, ta' kwalita' użata fil-preparazzjoni ta' ikel uman (ġeneralment, titlu 2106);

   (ċ) gagazza, irmied u fdal (inklużi tjun, ħlief tjun tad-drenaġġ), li fihom metalli, arseniku jew taħlitiet tagħhom u li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' nota 3(a) jew 3(b) għal Kapitlu 26 (titlu 2620);

   (d) medikamenti (titlu 3003 jew 3004); jew

   (e) katalisti maħruqin ta' tip użati għall-estrazzjoni ta' metalli ta' valur baxx jew għall-manifattura ta' komposti kimiċi ta' metalli ta' valur baxx (titlu 2620), katalisti maħruqin ta' tip użat prinċipalment għall-irkuprar ta' metall prezzjuż (titlu 7112) jew katalisti magħmulin minn metalli jew ligi ta' metalli f'forma ta', per eżempju, trab mifrud fin jew garża minsuġa (Taqsima XIV jew XV).

2. (A) Għal għan ta' titlu 3822, l-espressjoni "materjali ta' referenza ċertifikati" tfisser materjali ta' referenza li jkunu akkumpanjati b'ċertifikat li juri l-valuri tal-proprjetajiet ċertifikati, il-metodi użati biex ikunu determinati dawn il-valuri u l-livell ta' ċertezza assoċjat ma' kull valur u li huma tajbin għal għanijiet analitiċi, ta' kalibrar jew ta' riferenza.

   (B) Bl-eċċezzjoni tal-prodotti ta' Kapitlu 28 jew 29, għall-klassifikazzjoni ta' materjali ta' referenza ċertifikati, titlu 3822 għandu jieħu preċedenza fuq kull titlu ieħor fin-nomenklatura.

3. Titlu 3824 jinkludi dawn l-oġġetti li m'għandhomx ikunu kklassifikati f'xi titlu ieħor tan-nomenklatura:

   (a) kristalli kultivati (ħlief elementi ottiċi) li ma jiżnux inqas minn 2,5 g kull waħda, ta' ossidu tal-manjeżju jew ta' l-alidi tal-metalli alkali jew ta' trab-alkalin (*alkaline-earth*);

   (b) żejt fuselol; żejt Dippel;

   (ċ) prodotti li jneħħu l-linka ppreżentati f'pakki għal bejgħ bl-imnut;

   (d) materjali għall-korrezzjoni tal-istensils, fluwidi oħrajn għall-korrezzjoni u tejps tal-korrezzjoni (għajr dawk ta' titlu 9612), ippreżentati f'pakketti għal bejgħ bl-imnut; u

   (e) apparat taċ-ċeramika għall-prova tan-nar, fużibbli (per eżempju, koni Seger).

4. Matul in-nomenklatura, "skart muniċipali" ifisser skart ta' tip li jinġabar mid-djar, lukandi, ristoranti, sptarijiet, ħwienet, uffiċċji, eċċ., knis tat-triq u l-bankina, kif ukoll skart tal-kostruzzjoni u t-twaqqigħ. Skart muniċipali ġeneralment ikun fih varjetà kbira ta' materjali bħal plastik, gomma, għuda, karta, tessuti, ħġieġ, metalli, materjali ta' ikel, għamara miksura u oġġetti oħrajn miksurin jew mormijin. It-terminu "skart muniċipali", iżda, ma jkoprix:

   (a) materjali jew oġġetti individwali mifrudin mill-iskart, bħal skart tal-plastik, gomma, għuda, karta, tessuti, ħġieġ jew metalli u batteriji użati li jaqgħu fit-titli tan-nomenklatura proprji tagħhom;

   (b) skart industrijali;

(ċ) farmaċewtiċi għar-rimi, kif definiti f'nota 4(k) għal Kapitlu 30; jew

(d) skart kliniku, kif definit f'nota 6(a) taħt.

5. Għall-għanijiet ta' titlu 3825, "tajn tad-drenaġġ" tfisser tajn li joħroġ mill-impjant ta' trattament ta' ħmieġ urban u jinkludi skart ta' qabel it-trattament, tajn tat-tindif tal-ħmieġ u tajn mhux stabbli. Tajn stabbli, meta tajjeb għal użu bħala fertilizzant, huwa eskluż (Kapitlu 31).

6. Għal għan ta' titlu 3825, l-espressjoni "skart ieħor" tapplika għal:

(a) skart kliniku, jiġifieri, skart kontaminat li joħroġ minn riċerka, dijanjosi, trattament mediċi jew minn proċeduri oħrajn mediċi, kirurġiċi, dentali jew veterinarji, li spiss ikun fihom sustanzi patoġeniċi u farmaċewtiċi u jeħtieġu proċeduri speċjali ta' rimi (per eżempju, faxex maħmuġin, ingwanti użati u siringi użati);

(b) solventi organiċi għar-rimi;

(ċ) skart ta' likwidi għat-tindif (*pickling*) tal-metall, fluwidi idrawliċi, fluwidi tal-brejkijiet u fluwidi kontra l-iffriżar; u

(d) skart ieħor mill-industriji kimiċi jew dawk bħalhom.

L-espressjoni "skart ieħor", madankollu, ma tkoprix skart li prinċipalment ikun fih żjut minerali (*petroleum*) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi (titlu 2710).

7. Għall-iskopijiet ta' titlu 3826, it-terminu "bijodiżil" ifisser esteri monoalkali ta' aċidi xaħmin tat-tip li jintuża bħala fjuwil, idderivati minn xaħmijiet tal-annimali jew xaħmijiet veġetali u żjut anke jekk ma jintużawx.

Noti għas-subtitlu

1. Is-subtitlu 3808 50 tkopri biss il-prodotti ta' titlu 3808, li fihom sustanza waħda jew aktar minn dawn li ġejjin: aldrina (ISO); binapakril (ISO); kamfekloru (ISO) (tossafin); kaptafol (ISO); klordanu (ISO); klordimeformi (ISO); klorobenżilat (ISO); DDT (ISO) (klofenotanu (*INN*), 1,1,1-trikloro-2,2-bis(p-klorofenil)etanu); dijeldrina (ISO, INN); 4,6-dinitro-o-kresol (DNOC (ISO)) jew l-imluħa tagħha. dinoseb (ISO), il-melħ u l-esteri tiegħu; dibromur tal-etilin (ISO) (1,2 dibromoetanu); diklorur tal-etilin (ISO) (1,2-dikloroetanu); fluworoaċetamid (ISO); ettaklor (ISO); eksaklorobenżina (ISO); 1,2,3,4,5,6-eksakloroċikloeksan (HCH (ISO)), inkluż il-lindanu (ISO, *INN*); komposti tal-merkurju; metamidofos (ISO); monokrotofos (ISO); ossiran (ossidu tal-etilin); paratjon (ISO); paratjon-metil (ISO) (metil-paratjon); pentaklorofenolu (ISO), l-imluħa u l-esteri tiegħu; fosfamidon (ISO); 2,4,5-T (ISO) (2,4,5-aċtu triklorofenossiaċetiku), l-imluħa u l-esteri tiegħu; komposti tat-tributiltin.

Is-subtitlu 3808 50 tinkludi wkoll formulazzjonijiet ta' trab li jitfarfar b'taħlita ta' benomil (ISO), karbofuran (ISO) u tiram (ISO).

2. Għall-għanijiet ta' subtitli 3825 41 u 3825 49, "solventi" organiċi għar-rimi' huma skart li jkun fihom prinċipalment solventi organiċi, mhux tajbin aktar għall-użu kif ippreżentati bħala prodotti primarji, intenzjonati jew le għal irkuprar tas-solventi.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3801	**Grafita artifiċjali; grafita kollojdali jew semi-kollojdali; preparazzjonijiet ibbażati fuq grafita jew karbonju ieħor f'forma ta' pasti, blokki, pjanċi jew semi-manifatturi oħrajn:**		
3801 10 00	– **Grafita artifiċjali**	3,6	—
3801 20	– **Grafita kollojdali jew semi-kollojdali:**		
3801 20 10	– – Grafita kollojdali f'sospensjoni fiż-żejt; grafita semi-kollojdali	6,5	—
3801 20 90	– – Oħrajn	4,1	—
3801 30 00	– **Pasti karbonaċej għall-elettrodi u pasti simili għall-kisi tal-fran**	5,3	—
3801 90 00	– **Oħrajn**	3,7	—
3802	**Karbonju attivat; prodotti minerali naturali attivati; iswed ta' annimali, inkluż iswed maħruq ta' annimali:**		
3802 10 00	– **Karbonju attivat**	3,2	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3802 90 00	**– Oħrajn**	5,7	—
3803 00	***Tall oil*, raffinat jew le:**		
3803 00 10	– Mhux raffinat	B'xejn	—
3803 00 90	– Oħrajn	4,1	—
3804 00 00	**Lissiji residwali mill-manifattura ta' polpa ta' l-għuda, konċentrati jew le, biz-zokkor imneħħi jew trattati kimikament, inklużi sulfonati tal-linjin, iżda eskluż *tall oil* ta' titlu 3803**	5	—
3805	**Terpentina tal-gomma, għuda jew sulfat u żjut oħrajn terpeniċi magħmulin mid-distillar jew trattament ieħor ta' għuda konifera; dipentina mhux raffinata; terpentina tas-sulfit u para-ċimin oħrajn mhux raffinati; żejt ta' l-arżnu li fih alfa-terpineol bħala l-kostitwent prinċipali:**		
3805 10	**– Żjut ta' terpentina ta' gomom, għuda jew sulfat:**		
3805 10 10	– – Terpentina tal-gomma	4	—
3805 10 30	– – Terpentina ta' l-għuda	3,7	—
3805 10 90	– – Terpentina tas-sulfat	3,2	—
3805 90	**– Oħrajn:**		
3805 90 10	– – Żejt ta' l-arżnu	3,7	—
3805 90 90	– – Oħrajn	3,4	—
3806	**Aċti tar-rożin u tar-raża, u derivattivi tagħhom; spirtu tar-rożin u żjut tar-rożin; *run gums*:**		
3806 10 00	**– Aċti tar-rożin u tar-raża**	5	—
3806 20 00	**– Melħ tar-rożin, ta' aċti tar-raża jew ta' derivattivi tar-rożin jew aċti tar-raża, ħlief melħ ta' addutti (*adducts*) ta' rożin**	4,2	—
3806 30 00	**– Gomom esteri**	6,5	—
3806 90 00	**– Oħrajn**	4,2	—
3807 00	**Qatran veġetali (*wood tar*); żjut ta' qatran veġetali; krejożot veġetali; nafta veġetali; żift veġetali; żift tal-birriera u preparazzjonijiet simili bbażati fuq rożin, aċti tar-raża jew fuq żift veġetali:**		
3807 00 10	– Qatran veġetali	2,1	—
3807 00 90	– Oħrajn	4,6	—
3808	**Insettiċidi, rodentiċidi, fuġiċidi, erbiċidi, prodotti kontra n-nebbieta u regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti, disinfettanti u prodotti simili, ippreżentati f'forom jew pakki għal bejgħ bl-imnut jew bħala preparazzjonijiet jew oġġetti (per eżempju, strixxi, ftejjel u xemgħat ittrattati bil-kubrit, u karti tad-dubbien):**		
3808 50 00	**– Oġġetti speċifikati fin-nota 1 għas-subtitlu ta' dan il-Kapitlu**	6	—
	– Oħrajn:		
3808 91	**– – Insettiċidi:**		
3808 91 10	– – – Ibbażati fuq piretrojdi	6	—
3808 91 20	– – – Ibbażati fuq idrokarboni klorinati	6	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3808 91 30	– – – Ibbażati fuq karbamati	6	—
3808 91 40	– – – Ibbażati fuq komposti ta' organofosfru	6	—
3808 91 90	– – – Oħrajn	6	—
3808 92	**– – Funġiċidi:**		
	– – – Inorganiċi:		
3808 92 10	– – – – Preparazzjonijiet ibbażati fuq komposti tar-ram	4,6	—
3808 92 20	– – – – Oħrajn	6	—
	– – – Oħrajn:		
3808 92 30	– – – – Ibbażati fuq dizjokarbamati	6	—
3808 92 40	– – – – Ibbażati fuq benżimidażoli	6	—
3808 92 50	– – – – Ibbażati fuq diażoli jew triażoli	6	—
3808 92 60	– – – – Ibbażati fuq diażini jew morfolini	6	—
3808 92 90	– – – – Oħrajn	6	—
3808 93	**– – Erbiċidi, prodotti kontra n-nebbieta u regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti:**		
	– – – Erbiċidi:		
3808 93 11	– – – – Ibbażati fuq fenoksi-fitormoni	6	—
3808 93 13	– – – – Ibbażati fuq triażini	6	—
3808 93 15	– – – – Ibbażati fuq amidi	6	—
3808 93 17	– – – – Ibbażati fuq karbamati	6	—
3808 93 21	– – – – Ibbażati fuq derivattivi ta' dinitroanilina	6	—
3808 93 23	– – – – Ibbażati fuq derivattivi ta' urea, ta' uraċil jew ta' sulfonilurea	6	—
3808 93 27	– – – – Oħrajn	6	—
3808 93 30	– – – Prodotti kontra n-nebbieta	6	—
3808 93 90	– – – Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti	6,5	—
3808 94	**– – Disinfettanti:**		
3808 94 10	– – – Ibbażati fuq melħ ta' ammonju kwaternarju	6	—
3808 94 20	– – – Ibbażati fuq komposti aloġenati	6	—
3808 94 90	– – – Oħrajn	6	—
3808 99	**– – Oħrajn:**		
3808 99 10	– – – Rodentiċidi	6	—
3808 99 90	– – – Oħrajn	6	—
3809	**Aġenti għall-irfinar, katalisti (*carriers*) biex iħaffu iż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (per eżempju, sustanzi għat-twebbis u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew bħalhom, li ma humiex speċifikati jew inklużi band'oħra:**		

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3809 10	**– B'baži ta' sustanzi amilaċeużi:**		
3809 10 10	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi inqas minn 55 %	8,3 + 8,9 €/100 kg/ net MAX 12,8	—
3809 10 30	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi 55 % jew aktar iżda inqas minn 70 %	8,3 + 12,4 €/100 kg/ net MAX 12,8	—
3809 10 50	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi 70 % jew aktar iżda inqas minn 83 %	8,3 + 15,1 €/100 kg/ net MAX 12,8	—
3809 10 90	– – Li fihom bil-piż minn dawn is-sustanzi 83 % jew aktar	8,3 + 17,7 €/100 kg/ net MAX 12,8	—
	– Oħrajn:		
3809 91 00	**– – Ta' tip użati fl-industriji tat-tessuti jew bħalhom .....**	6,3	—
3809 92 00	**– – Ta' tip użati fl-industriji tal-karta jew bħalhom .....**	6,3	—
3809 93 00	**– – Ta' tip użati fl-industriji tal-ġilda jew bħalhom .....**	6,3	—
3810	**Preparazzjonijiet għat-tindif (*pickling*) għal uċuħ tal-metall; flaks u preparazzjonijiet awżiljari oħrajn għal istannjar, ibbrejżjar jew iwweldjar; trabijiet u pasti għal istannjar, ibbrejżjar jew iwweldjar li jikkonsistu f'metall jew materjali oħrajn; preparazzjonijiet ta' tip użati bħala qlub jew kisi għal elettrodi jew vireg ta' l-iwweldjar:**		
3810 10 00	**– Preparazzjonijiet għat-tindif (*pickling*) għal uċuħ tal-metall; trabijiet u pasti għal istannjar, ibbrejżjar jew iwweldjar li jikkonsistu f'metall jew materjali oħrajn**	6,5	—
3810 90	**– Oħrajn:**		
3810 90 10	– – Preparazzjonijiet ta' tip użati bħala qlub jew kisi għal elettrodi jew vireg ta' l-iwweldjar	4,1	—
3810 90 90	– – Oħrajn	5	—
3811	**Preparazzjonijiet kontra l-iskossi (*anti-knock*), materjali għat-trażżin tas-sadid, materjali għat-trażżin tal-gomma, materjali li jgħinu l-viskożita', preparazzjonijiet kontra s-sadid u addittivi ppreparati oħrajn, għal żjut minerali (inkluż gażolina) jew għal likwidi oħrajn użati għall-istess għanijiet bħal żjut minerali:**		
	– Preparazzjonijiet kontra l-iskossi (*anti-knock*):		
3811 11	**– – Ibbażati fuq komposti taċ-ċomb:**		
3811 11 10	– – – Ibbażati fuq ċomb-tetraetiliku	6,5	—
3811 11 90	– – – Oħrajn	5,8	—
3811 19 00	**– – Oħrajn .....**	5,8	—
	– Addittivi għal żjut lubrikanti:		
3811 21 00	**– – Li fihom żjut minerali (*petroleum*) jew żjut magħmulin minn minerali bituminużi .....**	5,3	—
3811 29 00	**– – Oħrajn .....**	5,8	—
3811 90 00	**– Oħrajn .....**	5,8	—
3812	**Aċċeleraturi tal-gomma ppreparati; plastiċizzaturi komposti għal gomma jew għal plastiks, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet kontra s-sadid u stabbilizzaturi komposti oħrajn għal gomma u plastiks:**		
3812 10 00	**– Aċċeleraturi tal-gomma ppreparati .....**	6,3	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3812 20	**– Plastiċizzaturi komposti għal gomma jew għal plastiks:**		
3812 20 10	– – Taħlita ta' reazzjoni li fiha benżil 3-isobutiriloksi-1-isopropil-2,2-dimetilpropil ftalat u benżil 3-isobutiriloksi-2,2,4-trimetilpentil ftalat	B'xejn	—
3812 20 90	– – Oħrajn	6,5	—
3812 30	**– Preparazzjonijiet kontra s-sadid u stabbilizzaturi komposti oħrajn għal gomma u għal plastiks:**		
	– – Preparazzjonijiet kontra s-sadid:		
3812 30 21	– – – Taħlita ta' 1,2-dijidro-2,2,4-trimetil-kwinolin u l-oligomeri tagħha	6,5	—
3812 30 29	– – – Oħrajn	6,5	—
3812 30 80	– – Oħrajn	6,5	—
3813 00 00	**Preparazzjonijiet u kargi għal apparat ta' tifi tan-nar; granati kkargati għat-tifi tan-nar .....**	6,5	—
3814 00	**Solventi u tinners organiċi komposti, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra; neħħejja ppreparati ta' żebgħa jew verniċ:**		
3814 00 10	– Ibbażati fuq aċetat butiliku	6,5	—
3814 00 90	– Oħrajn	6,5	—
3815	**Inizjaturi ta' reazzjoni, aċċelerraturi ta' reazzjoni u preparazzjonijiet katalitiċi, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:**		
	– Katalisti mirfudin:		
3815 11 00	**– – Bin-nikil jew komposti tan-nikil bħala s-sustanza attiva .....**	6,5	—
3815 12 00	**– – B'metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż bħala s-sustanza attiva .**	6,5	—
3815 19	**– – Oħrajn:**		
3815 19 10	– – – Katalist f'forma ta' qmuħ li 90 % jew aktar bil-piż minnhom ikollhom qies ta' farka mhux akbar minn 10 mikrometri, magħmul minn taħlita ta' ossidi fuq rifda ta' silikat tal-manjesju, li fih bil-piż: — 20 % jew aktar iżda mhux aktar minn 35 % ta' ram u — 2 % jew aktar iżda mhux aktar minn 3 % ta' bismut, u ta' gravita' speċifika evidenti ta' 0,2 jew aktar iżda mhux ogħla minn 1,0	B'xejn	—
3815 19 90	– – – Oħrajn	6,5	—
3815 90	**– Oħrajn:**		
3815 90 10	– – Katalist magħmul minn aċetat tal-etiltrifenilfosfonju f'forma ta' soluzzjoni ta' metanol	B'xejn	—
3815 90 90	– – Oħrajn	6,5	—
3816 00 00	**Simenti refrattarji, taħlit ta' ġir jew siment, ramel u ilma, konkos u komposti simili, ħlief prodotti ta' titlu 3801 .....**	2,7	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3817 00	**Alkilbenżini mħalltin u alkilnaftalini mħalltin, ħlief dawk ta' titlu 2707 jew 2902:**		
3817 00 50	– Alkilbenżin linejari	6,3	—
3817 00 80	– Oħrajn	6,3	—
3818 00	**Elementi kimiċi miżjudin għal użu fl-elettronika, f'forma ta' diski, wejfers jew forom simili; komposti kimiċi miżjudin għal użu fl-elettronika:**		
3818 00 10	– Silikon miżjud	B'xejn	—
3818 00 90	– Oħrajn	B'xejn	—
3819 00 00	**Fluwidi ta' brejkijiet idrawliċi u likwidi oħrajn ippreparati għal trasmissjoni idrawlika, li ma fihomx jew fihom inqas minn 70 % bil-piż ta' żjut minerali (*petroleum*) jew żjut miksubin minn minerali bituminużi**	6,5	—
3820 00 00	**Preparazzjonijiet kontra l-iffriżar u fluwidi ppreparati għat-tneħħija tas-silġ**	6,5	—
3821 00 00	**Mezzi mħejjija għall-kultura għall-iżvilupp jew il-manutenzjoni ta' mikro-organiżmi (inklużi virus u dawk simili) jew taċ-ċelluli tal-pjanti, tal-bnedmin jew ta' l-annimali**	5	—
3822 00 00	**Reaġenti dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rinforz, reaġenti ppreparati dijanjostiċi jew ta' laboratorju fuq rinforz jew le, ħlief dawk ta' titlu 3002 jew 3006; materjali ta' referenza ċertifikati**	B'xejn	—
3823	**Aċti xaħmin monokarboksiliċi industrijali; żjut aċiduż minn raffinar; alkoħoli xaħmin industrijali:**		
	– Aċti xaħmin monokarboksiliċi industrijali; żjut aċiduż minn raffinar:		
3823 11 00	**– – Aċtu steariku**	5,1	—
3823 12 00	**– – Aċtu olejku**	4,5	—
3823 13 00	**– – Aċti xaħmin ta' *tall oil***	2,9	—
3823 19	**– – Oħrajn:**		
3823 19 10	– – – Aċti xaħmin distillati	2,9	—
3823 19 30	– – – Distillat ta' aċti xaħmin	2,9	—
3823 19 90	– – – Oħrajn	2,9	—
3823 70 00	**– Alkoħoli xaħmin industrijali**	3,8	—
3824	**Materjali li jgħaqqdu ppreparati għal forom jew ċentri ta' funderija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi ta' l-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi band' oħra:**		
3824 10 00	**– Materjali li jgħaqqdu ppreparati għal forom jew ċentri ta' funderija**	6,5	—
3824 30 00	**– Karburi ta' metall mhux magħqudin imħalltin flimkien jew ma' sustanzi metalliċi li jgħaqqdu**	5,3	—
3824 40 00	**– Addittivi ppreparati għal simenti, taħlit ta' ġir jew siment, ramel u ilma jew konkos**	6,5	—
3824 50	**– Taħlit ta' ġir jew siment, ramel u ilma u konkos mhux refrattarji:**		

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3824 50 10	– – Konkos lest biex jitferra'	6,5	—
3824 50 90	– – Oħrajn	6,5	—
3824 60	**– Sorbitol ħlief dak ta' subtitlu 2905 44:**		
	– – F'soluzzjoni milwiema:		
3824 60 11	– – – Li fihom 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-ġlukitol	7,7 + 16,1 €/100 kg/net	—
3824 60 19	– – – Oħrajn	9,6 + 37,8 €/100 kg/net ([1])	—
	– – Oħrajn:		
3824 60 91	– – – Li fihom 2 % jew inqas bil-piż D-mannitol, meqjus fuq il-kontenut ta' D-ġlukitol	7,7 + 23 €/100 kg/net	—
3824 60 99	– – – Oħrajn	9,6 + 53,7 €/100 kg/net ([1])	—
	– Taħlitiet li fihom derivattivi aloġenati tal-metanu, etanu jew propanu:		
3824 71 00	**– – Li fihom klorofluworokarbonji (CFCs); kemm jekk għandhom idroklorofluworokarbonji (HCFCs) u kemm jekk ma għandhomx; perfluworokarbonji (PFCs) jew idrofluworokarbonji (HFCs)**	6,5	—
3824 72 00	**– – Li fihom bromoklorudifluworometanu, bromotrifluworometanu jew dibromotetrafluworoetani**	6,5	—
3824 73 00	**– – Li fihom idrobromofluworokarbonji (HBFCs)**	6,5	—
3824 74 00	**– – Li fihom idroklorofluworokarbonji (HCFCs); kemm jekk fihom perfluworokarbonji (PFCs) jew idrofluworokarbonji (HFCs) u kemm jekk ma fihomx; iżda li ma fihomx klorofluworokarbonji (CFCs)**	6,5	—
3824 75 00	**– – Li fihom tetraklorur tal-karbonju**	6,5	—
3824 76 00	**– – Li fihom 1,1,1-trikloroetanu (kloroform tal-metil)**	6,5	—
3824 77 00	**– – Li fihom bromometanu (bromur tal-metil) jew bromoklorometanu**	6,5	—
3824 78 00	**– – Li fihom perfluworokarbonji (PFCs); jew idroklorofluworokarbonji (HFCs) iżda li ma fihomx klorofluworkarbonji (CFCs) jew idrofluworokarbonji (HCFCs)**	6,5	—
3824 79 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
	– Taħlit u preparazzjonijiet li fihom ossiran (ossidu ta' l-etilene), bifenili polibrominati (PBBs), bifenili poliklorinati (PCBs), trifenili poliklorinati (PCTs) jew fosfat ta' tris (2,3-dibromopropili):		
3824 81 00	**– – Li fihom ossiran (ossidu ta' l-etilin)**	6,5	—
3824 82 00	**– – Li fihom bifenili poliklorinati (PCBs), trifenili poliklorinati (PCTs) jew bifenili polibrominati (PBBs)**	6,5	—
3824 83 00	**– – Li fihom fosfat ta' tris(2,3-dibromopropili)**	6,5	—
3824 90	**– Oħrajn:**		
3824 90 10	– – Sulfonati ta' żejt minerali (*petroleum*), ħlief sulfonati ta' żejt minerali (*petroleum*) ta' metalli alkali, ta' ammonju jew ta' etanolamini; aċti sulfoniċi tiofenati ta' żjut miksubin minn minerali bituminużi, u l-melħ tagħhom	5,7	—

([1]) Rata ta' dazju *ad valorem* imnaqqsa għal 9 % (sospensjoni awtonoma) għal perijodu indefinit.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3824 90 15	– – Sustanzi għal bdil ta' joni	6,5	—
3824 90 20	– – Sustanzi għat-tbattil ta' tubi vakwi	6	—
3824 90 25	– – Pirolinjiti (per eżempju, ta' kalċju); tartrat tal-kalċju mhux raffinat; ċitrat tal-kalċju mhux raffinat	5,1	—
3824 90 30	– – Aċti nafteniċi, il-melħ tagħhom li ma jdubx fl-ilma u l-esteri tagħhom	3,2	—
	– – Oħrajn:		
3824 90 45	– – – Komposti kontra l-ġebla u oħrajn simili	6,5	—
3824 90 50	– – – Preparazzjonijiet għal kisi ta' metall b'elettrolisi	6,5	—
3824 90 55	– – – Taħlit ta' mono-, di- u tri-, esteri ta' aċti xaħmin ta' gliċerol (emulsjonanti għal xaħmijiet)	6,5	—
3824 90 58	– – – Faxex tan-nikotina (sistemi li jingħataw mill-ġilda (transdermali)), intiżi biex jgħinu lil dawk li jpejpu biex jieqfu	B'xejn	—
	– – – Prodotti u preparazzjonijiet għal użi farmaċewtiċi jew kirurġiċi:		
3824 90 61	– – – – Prodotti intermedji tal-proċess tal-manifattura ta' l-antibijotiċi miksubin mill-fermentazzjoni ta' *Streptomyces tenebrarius*, imnixxfin jew le, għal użu fil-manifattura ta' medikamenti umani ta' titlu 3004 ([1])	B'xejn	—
3824 90 62	– – – – Prodotti intermedji mill-manifattura ta' melħ monensin	B'xejn	—
3824 90 64	– – – – Oħrajn	6,5	—
3824 90 65	– – – Prodotti awżiljari għal funderiji (ħlief dawk ta' subtitlu 3824 10 00)	6,5	—
3824 90 70	– – – Preparazzjonijiet li jirreżistu n-nar, li jirreżistu l-ilma u preparazzjonijiet protettivi simili użati fl-industrija tal-bini	6,5	—
	– – – Oħrajn:		
3824 90 75	– – – – Wejfer ta' nijobat tal-lizju, mhux miżjud	B'xejn	—
3824 90 80	– – – – Taħlita ta' amini derivati minn aċti xaħmin dimerizzati, b'piż molekulari medju ta' 520 jew aktar iżda ma jaqbiżx il-550	B'xejn	—
3824 90 85	– – – – 3-(1-Etil-1-metilpropil)isoksażol-5-ilamina, fil-forma ta' soluzzjoni f'tolwina	B'xejn	—
3824 90 87	– – – – Taħlitiet li jikkonsistu l-aktar f'(5-etil-2-metil-2-oxido-1,3,2-dioxafosfinan-5il) metil metil metilfosfonat u bis[(5-etil-2metil-2-oxido-1,3,2-dioxafosfinan-5-il) metil] metilfosfonat, u taħlitiet li jikkonsistu l-aktar f'metilfosfonat dimetiliku, oxiranne u pentaossidu tad-difosfru	6,5	—
	– – – – Prodotti jew preparazzjonijiet kimiċi, magħmula primarjament minn komposti organiċi, li mhumiex imsemmija jew inklużi band'oħra:		
★ **3824 90 92**	– – – – – Fil-forma likwida f'20 °C	6,5	—
★ **3824 90 93**	– – – – – Oħrajn	6,5	—
★ **3824 90 96**	– – – – Oħrajn	6,5	—
3825	**Prodotti residwali ta' l-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom, mhux speċifikati jew inklużi band' oħra; skart muniċipali; tajn tad-drenaġġ; skart ieħor speċifikat f'nota 6 għal dan il-kapitlu:**		
3825 10 00	**– Skart muniċipali**	6,5	—

([1]) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3825 20 00	**– Tajn tad-drenaġġ**	6,5	—
3825 30 00	**– Skart kliniku**	6,5	—
	– Solventi organiċi ta' skart:		
3825 41 00	**– – Aloġenati**	6,5	—
3825 49 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3825 50 00	**– Skart ta' likwidi għat-tindif (*pickling*) tal-metall, fluwidi idrawliċi, fluwidi ta' brejkijiet u fluwidi kontra l-iffriżar**	6,5	—
	– Skart ieħor mill-industriji kimiċi u dawk li għandhom x'jaqsmu magħhom:		
3825 61 00	**– – Prinċipalment fihom kostitwenti organiċi**	6,5	—
3825 69 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3825 90	**– Oħrajn:**		
3825 90 10	– – Ossidu tal-ħadid alkalin għall-purifikazzjoni tal-gass	5	—
3825 90 90	– – Oħrajn	6,5	—
3826 00	**Bijodiżil jew taħlit tiegħu, li ma jkunx fih jew ikun fih anqas minn 70 % skont il-piż ta' żejt (petroleum) jew żjut li jinkisbu minn minerali bituminużi:**		
3826 00 10	– Esteri mono-alkali ta' aċti xaħmin li fihom 96,5 % jew aktar bil-volum ta' esteri (FAMAE)	6,5	—
3826 00 90	– Oħrajn	6,5	—

TAQSIMA VII

PLASTIK U OĠĠETTI TIEGĦU; GOMMA U OĠĠETTI TAGĦHA

Noti

1. Oġġetti ppreżentati f'settijiet li fihom żewġ kostitwenti separati jew aktar, li whud minnhom jew kollha jaqgħu f'din it-taqsima u huma maħsubin biex jitħalltu flimkien biex isir prodott ta' Taqsima VI jew VII, għandhom ikunu kklassifikati fit-titlu xieraq għal dak il-prodott, sakemm il-kostitwenti huma:

   (a) meta jitqies il-mod li fih huma ppreżentati, identifikabbli biċ-ċar li jkunu intenzjonati biex jintużaw flimkien mingħajr ma jkunu l-ewwel ippakkjati mill-ġdid;

   (b) ippreżentati flimkien; u

   (c) identifikabbli, kemm minħabba n-natura tagħhom jew minħabba l-proporzjonijiet relattivi li fihom jinsabu, li huma kumplimentari għal xulxin.

2. Ħlief għall-oġġetti ta' titlu 3918 jew 3919, plastiks, gomma, u oġġetti tagħhom, stampati b'motifi, karattri jew rappreżentazzjonijiet bl-istampi, li mhumiex biss inċidentali għall-użu ewlieni ta' l-oġġetti, jaqgħu f'Kapitlu 49.

KAPITLU 39

PLASTIKS U OĠĠETTI TAGĦHOM

Noti

1. Matul in-nomenklatura, l-espressjoni "plastiks" tfisser dawk il-materjali ta' titli 3901 sa 3914 li huma jew li kienu kapaċi, jew waqt il-polimerizzazzjoni inkella waqt xi stadju sussegwenti, li jkunu ffurmati taħt influwenza esterna (spiss sħana jew pressjoni, jekk meħtieġ b'solvent jew plastiċiżżatur) b'immudellar, ikkastjar, estrużjoni, irrumblar jew proċess ieħor f'suriet li jibqgħu wara t-tneħħija ta' l-influwenza esterna.

   Matul in-nomenklatura, kull riferenza għal "plastiks" tinkludi ukoll materjal ta' fibri vulkanizzati. L-espressjoni, iżda, ma tapplikax għal materjali meqjusin bħala materjali tessili ta' Taqsima XI.

2. Dan il-kapitlu ma jkoprix:

   (a) preparazzjonijiet lubrikanti ta' titlu 2710 jew 3403;

   (b) xemgħat ta' titlu 2712 jew 3404;

   (c) komposti organiċi separati definiti kimikament (Kapitlu 29);

   (d) ħeparina jew il-melħ tagħha (titlu 3001);

   (e) soluzzjonijiet (ħlief kollodjoni) li jikkonsistu minn xi prodotti minn dawk speċifikati f'titli 3901 sa 3913 f'solventi volatili organiċi fejn il-piż tas-solvent jaqbeż 50 % tal-piż tas-soluzzjoni (titlu 3208); fojls għal stampar ta' titlu 3212;

   (f) aġenti jew preparazzjonijiet organiċi attivi fuq l-uċuh ta' titlu 3402;

   (g) *run gums* jew gomom esteriċi (titlu 3806);

   (h) additivi ppreparati għal żjut minerali (inkluż il-gażolina) jew għal likwidi oħra li jintużaw għall-istess għanijiet bħaż-żjut minerali (titlu 3811);

   (ij) likwidi idrawliċi li għandhom bażi ta' poliglikoli, silikoni jew polimeri oħra ta' Kapitlu 39 (titlu 3819);

   (k) reaġenti dijanjostiċi jew tal-laboratorju fuq rinforz ta' plastiks (titlu 3822);

   (l) gomma sintetika, kif spjegat għall-għanijiet ta' Kapitlu 40, jew oġġetti tagħha;

   (m) sarġ jew arneż (titlu 4201) jew bagolli, valiġġi, boroż tan-nisa jew kontenituri oħrajn ta' titlu 4202;

   (n) trizza, xogħol tal-qasab u oġġetti oħrajn ta' Kapitlu 46;

   (o) kisi tal-ħitan ta' titlu 4814;

   (p) oġġetti ta' Taqsima XI (tessuti u oġġetti tessili);

   (q) oġġetti ta' Taqsima XII (per eżempju, xedd tas-saqajn, xedd tar-ras, umbrelel, umbrelel tax-xemx, bsaten, swat, frosti jew partijiet tagħhom);

(r) ġojjelli artifiċjali ta' titlu 7117;

(s) oġġetti ta' Taqsima XVI (magni u għodod mekkaniċi jew elettriċi);

(t) partijiet ta' ajruplani jew inġenji ta' Taqsima XVII;

(u) oġġetti ta' Kapitlu 90 (per eżempju, elementi ottiċi, frejms tan-nuċċalijiet, għodod tad-disinn);

(v) oġġetti ta' Kapitlu 91 (per eżempju, kaxex ta' arloġġi, inklużi dawk ta' l-idejn);

(w) oġġetti ta' Kapitlu 92 (per eżempju, strumenti mużikali jew partijiet tagħhom);

(x) oġġetti ta' Kapitlu 94 (per eżempju, għamara, lampi u tagħmir tad-dawl, sinjali mdawlin, bini prefabbrikat);

(y) oġġetti ta' Kapitlu 95 (per eżempju, ġugarelli, logħob, ħtiġijiet ta' l-isports); jew

(z) oġġetti ta' Kapitlu 96 (per eżempju, xkupilji, buttuni, żippijiet, imxat, biċċiet tal-ħalq jew qasab għal pipi tat-tipjip, bokkini għas-sigarretti jew bħalhom, partijiet ta' termsijiet jew bħalhom, pinen, lapsijiet li tibdlilhom il-ponta).

3. Titli 3901 sa 3911 japplikaw biss għal oġġetti ta' tip magħmulin b'sintesi kemikali, li jaqgħu f'dawn il-kategoriji:

(a) poliolefini likwidi sintetiċi li minnhom inqas minn 60 % bil-volum jiddistilla fi 300 °Ċ, wara konverżjoni għal 1 013 mbar meta jintuża metodu ta' distillazzjoni bi pressjoni mnaqqsa (titli 3901 u 3902);

(b) raży , mhux polimerizzati ħafna, tat-tip *coumarone-indene* (titlu 3911);

(c) polimeri sintetiċi oħrajn b'medja ta' għall-inqas ħames unitajiet monomeri;

(d) silikoni (titlu 3910);

(e) resoli (titlu 3909) u prepolimeri oħrajn.

4. L espressjoni "kopolimeri" tkopri il-polimeri kollha li fihom ebda unità waħda ta' monomeru ma tikkontribwixxi 95 % jew aktar bil-piż għall-kontenut totali ta' polimeri.

Għall-għanijiet ta' dan il-kapitlu, ħlief fejn il-kuntest jeħtieġ mod ieħor, kopolimeri (inklużi ko-polikondensati, prodotti ta' ko-poliaddizzjoni, kopolimeri blokki u kopolimeri għat-tilqim) u taħlit ta' polimeri għandhom ikunu kklassifikati fit-titlu li jkopri polimeri ta' dik l-unita ta' komonomer li tippredomina bil-piż fuq kull unità ta' komonomer oħra waħedha. Għall-għanijiet ta' din in-nota, unitajiet ta' komonomer kostitwenti ta' polimeri li jaqgħu fl-istess titlu għandhom jittieħdu flimkien.

Jekk ebda unità ta' komonomer waħedha ma tippredomina, taħlitiet ta' kopolimeri jew polimeri, skond il-każ, għandhom ikunu kklassifikati fit-titlu li jiġi l-aħħar f'ordni numerika fost dawk li jistħoqqu kunsiderazzjoni ndaqs.

5. Polimeri modifikati kimikament, jiġifieri dawk li fihom inbidlu biss żjidiet għall-katina ta' polimer prinċipali permezz ta' reazzjoni kimika, għandhom ikunu kklassifikati fit-titlu xieraq għall-polimer mhux modifikat. Dan il-provvediment ma japplikax għal kopolimeri għat-tilqim.

6. F'titli 3901 sa 3914, l-espressjoni "forom primarji" tapplika biss għal dawn il-forom:

(a) likwidi u pasti, inklużi tixrid (emulsjonijiet u sospensjonijiet) u soluzzjonijiet;

(b) blokki ta' sura irregolari, għoqod, trabijiet (inklużi trabijiet ta' mudellar), qmuħ, qxur u forom kbar simili.

7. Titlu 3915 ma japplikax għal skart, partijiet maqtugħin u fdal ta' materjal wieħed termoplastiku, trasformat f'forom primarji (titli 3901 sa 3914).

8. Għall-għanijiet ta' titlu 3917, l-espressjoni "tubi, pajpijiet u manki" tfisser prodotti vojta minn ġewwa, kemm jekk prodotti semi-manifatturati jew lesti, ta' tip ġeneralment użati biex iwasslu, jiddirieġu jew iqassmu gassijiet jew likwidi (per eżempju, manki rinfurzati tal-ġonna, tubi mtaqqbin). Din l-espressjoni tinkludi ukoll tubi (*casings*) għaz-zalzett u tubi oħrajn li joqogħdu ċatti. Iżda, ħlief għal dawn ta' l-aħħar, dawk li għandhom wiċċ mill-qtugħ (*cross-section*) intern, li mhuwiex tond, ovali, rettangulari (fejn it-tul ma jaqbiżx wieħed-u-nofs tal-wisgħa) jew f'forma ta' poligonu regulari ma għandhomx jitqiesu bħala tubi, pajpijiet u manki iżda bħala forom ta' profili.

9. Għall-għanijiet ta' titlu 3918, l-espressjoni "kisi tal-plastik għall-ħajt jew għas-saqaf" tapplika għal prodotti f'rombli, ta' wisgħa mhux inqas minn 45 cm, tajbin għal tiżjin għall-ħajt jew għas-saqaf, li jikkonsistu fi plastiks mwaħħlin għal kollox fuq rinforz ta' kwalunkwe materjal ħlief karta, meta l-kisja ta' plastiks (fuq in-naħa ta' quddiem) tkun ikkusksjata (*grained*), imqabbża, ikkulurita, stampata b'disinn jew imżejjna mod ieħor.

10. Fit-titli 3920 u 3921, l-espressjoni "pjanċi, folji, film, fojl u strixxa" tapplika biss għal pjanċi, folji, film, fojl u strixxa (ħlief dawk ta' Kapitlu 54) u għal blokki ta' sura ġeometrika regulari, kemm jekk stampati jew bil-wiċċ maħdum mod ieħor, mhux maqtugħin jew maqtugħin f'rettangoli (inklużi kwadri) iżda mhux maħdumin aktar (anke jekk meta jinqatgħu hekk isiru oġġetti lesti għal użu).

11. Titlu 3925 japplika biss għal dawn l-oġġetti, li mhumiex prodotti koperti minn b'xi titlu ta' qabel ta' sub-kapitlu II:

    (a) ġibjuni, tankijiet (inklużi tankijiet settiċi), btieti u kontenituri simili, li jesgħu aktar minn 300 litru;

    (b) elementi strutturali użati, per eżempju, f'artijiet, ħitan jew diviżorji, soqfa jew bjut;

    (c) kanali għall-miżieb u tagħmir għalihom;

    (d) bibien, twieqi u t-tilari tagħhom u għetiebi għall-bibien;

    (e) gallariji, balavostrar, stekkat, xtabi u barrieri simili;

    (f) xaters, purtieri (*inklużi venetian blinds*) u oġġetti simili u partijiet u tagħmir tagħhom;

    (g) xkaffar ta' qisien kbar biex jiġi mmuntat u jitwaħħal għal kollox, per eżempju, fi ħwienet, ħwienet tax-xogħol, imħażen;

    (h) biċċiet ornamentali b'karatteristiċi arkitettorali, per eżempju, skanalaturi, koppli ċkejknin, barumbari; u

    (ij) tagħmir u armar maħsubin għal stallazzjoni permanenti ġo jew fuq bibien, twieqi, turġien, ħitan jew partijiet oħrajn tal-bini, per eżempju, pumi, mankijiet, ganċijiet, brazzi, rombli tax-xugaman, pjanċi tas-swiċċijiet u pjanċi protettivi oħrajn.

Noti għas-subtitli

1. Ġo kwalunkwe titlu wieħed ta' dan il-kapitlu, polimeri (inklużi kopolimeri) u polimeri modifikati kimikament għandhom ikunu kklassifikati skond dawn il-provvedimenti:

    (a) fejn hemm subtitlu bl-isem "Oħrajn" fl-istess serje:

        (1) l-indikazzjoni f'subtitlu ta' polimer bil-prefiss "poli" (per eżempju,. polietilin u polijamid-6,6) tfisser li l-unità ta' komonomer jew unitajiet ta' komonomer kostitwenti meħudin flimkien għandhom jagħmlu 95 % jew aktar tal-piż tal-kontenut totali ta' polimer;

        (2) kopolimeri msemmijin f'subtitli 3901 30, 3903 20, 3903 30 u 3904 30 għandhom ikunu kklassifikati f'dawk is-subtitli, sakemm l-unitajiet ta' komonomer ta' l-imsemmijin kopolimeri jagħmlu 95 % jew aktar tal-piż tal-kontenut kollu ta' polimer;

        (3) polimeri modifikati kimikament għandhom ikunu kklassifikati fis-subtitlu imsemmi "Oħrajn", sakemm il-polimeri modifikati kimikament mhumiex koperti b'mod aktar speċifiku b'subtitlu ieħor;

        (4) polimeri li ma jaqgħux taħt (1), (2) jew (3) t'hawn fuq, għandhom ikunu kklassifikati fis-subtitlu, fost is-subtitli li jifdal fis-serje, li jkopru polimeri ta' dik l-unità ta' monomer li hija l-akbar bil-piż minn kull unità oħra ta' komonomer waħedha. Għal dan il-għan, unitajiet kostitwenti ta' monomer ta' polimeri li jaqgħu fl-istess subtitlu għandhom jittieħdu flimkien. L-unitajiet kostitwenti ta' monomer tal-polimeri fis-serje ta' subtitli in kunsiderazzjoni biss għandhom ikunu pparagunati;

    (b) fejn m'hemmx subtitlu imsemmi "Oħrajn" fl-istess serje:

        (1) polimeri għandhom ikunu kklassifikati fis-subtitlu li jkopri polimeri ta' dik l-unità ta' monomer li hija l-akbar bil-piż minn kull unità oħra ta' komonomer waħedha. Għal dan il-għan, unitajiet kostitwenti ta' monomer ta' polimeri li jaqgħu fl-istess subtitlu għandhom jittieħdu flimkien. L-unitajiet kostitwenti ta' monomer tal-polimeri fis-serje ta' subtitli in kunsiderazzjoni biss għandhom ikunu pparagunati;

        (2) polimeri modifikati kimikament għandhom ikunu kklassifikati fis-subtitlu xieraq għall-polimer mhux modifikat.

    Taħlitiet ta' polimer għandhom ikunu kklassifikati fl-istess subtitlu bħal polimeri ta' l-istess unitajiet ta' monomer fl-istess proporzjonijiet.

2. Għall-għanijiet ta' subtitlu 3920 43, it-terminu "plastiċizzatur" jinkludi plastiċizzaturi sekondarji.

Nota addizzjonali

1. *Fejn id-drappijiet , feltru jew mhux-minsuġin* (nonwovens) *minsuġa, maħdumin bil-labar (knitted) jew bil-ganċ (kroxe' qegħdin hemm biss għal għanijiet ta' rinforz, ingwanti, ingwanti li jgħattu erba' swaba* (mittens) *jew ingwanti li jgħattu nofs is-swaba* (mitts) *mimlijin, miksijin jew mgħottijin bi plastiks ċellulari , jappartjenu lill- Kapitlu 39, anke jekk huma:*

   — *magħmulin minn drappijiet (ħlief dawk ta' titlu 5903), feltru jew mhux-minsuġin* (nonwovens) *minsuġa, maħdumin bil-labar* (knitted) *jew bil-ganċ (kroxe'), mimlijin, miksijin jew mgħottijin bi plastiks ċellulari, jew*

   — *magħmulin minn drappijiet, feltru jew mhux-minsuġin* (nonwovens) *minsuġa, maħdumin bil-labar* (knitted) *jew bil-ganċ (kroxe'), li mhumiex mimlijin, miksijin jew mgħottijin u sussegwentement ikunu mimlijin, miksijin jew mgħottijin bi plastiks ċellulari*

   (Nota 3(c) għal Kapitlu 56 u nota 2(a)(5) għal Kapitlu 59).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
	I. **FOROM PRIMARJI**		
3901	**Polimeri ta' etilene, f'forom primarji:**		
3901 10	**– Polietilene bi gravità speċifika inqas minn 0,94:**		
3901 10 10	– – Polietilene linejari	6,5	—
3901 10 90	– – Oħrajn	6,5	—
3901 20	**– Polietilene bi gravità speċifika 0,94 jew aktar:**		
3901 20 10	– – Polietilene f'waħda mill-forom imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu, ta' gravità speċifika 0,958 jew aktar fi 23 °Ċ, li fiha: — 50 mg/kg jew inqas ta' aluminju, — 2 mg/kg jew inqas ta' kalċju, — 2 mg/kg jew inqas ta' kromju, — 2 mg/kg jew inqas ta' ħadid, — 2 mg/kg jew inqas ta' nikil, — 2 mg/kg jew inqas ta' titanju, u — 8 mg/kg jew inqas ta' vanadju, għall-manifattura ta' polietilene klorosulfonata ([1])	B'xejn	—
3901 20 90	– – Oħrajn	6,5	—
3901 30 00	**– Kopolimeri ta' aċetat ta' vinil-etilene .....**	6,5	—
3901 90	**– Oħrajn:**		
3901 90 30	– – Raża jonomer magħmula minn melħ ta' terpolimer ta' etilene b'akrilat ta' isobutil u aċtu metakriliku; kopolimer blokk A-B-A ta' polistirene, kopolimer ta' etilene-butilin u polisterin, li fiha bil-piż 35 % jew inqas sterin, f'forma minn dawk imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu	B'xejn	—
3901 90 90	– – Oħrajn	6,5	—
3902	**Polimeri ta' propilene jew olefini oħrajn, f'forom primarji:**		
3902 10 00	**– Polipropilene .....**	6,5	—
3902 20 00	**– Poliisobutilin .....**	6,5	—

([1]) Dħul f'dan is-subtitlu huwa suġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-provvedimenti tal-Unjoni Ewropea rilevanti (ara Artikli 291 sa 300 ta' Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1)).

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3902 30 00	**– Kopolimeri ta' propilene**	6,5	—
3902 90	**– Oħrajn:**		
3902 90 10	– – Kopolimer blokk A-B-A ta' polisterin, kopolimer ta' etiline-butilin u polisterin, li fiha bil-piż 35 % jew inqas sterin, f'forma minn dawk imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu	B'xejn	—
3902 90 20	– – Polibut-1-in, kopolimer ta' but-1-in b'etilin li fiha bil-piż 10 % jew inqas etilin, jew taħlita ta' polibut-1-in b'polietilene u/jew polipropilene li fiha bil-piż 10 % jew inqas ta' polietilene u/jew 25 % jew inqas polipropilene, f'waħda mill-forom imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu	B'xejn	—
3902 90 90	– – Oħrajn	6,5	—
3903	**Polimeri ta' sterin, f'forom primarji:**		
	– Polisterin:		
3903 11 00	**– – Li jista' jespandi**	6,5	—
3903 19 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3903 20 00	**– Kopolimeri ta' sterin-akrilonitrili (SAN)**	6,5	—
3903 30 00	**– Kopolimeri ta' akrilonitrili-butadin-sterin (ABS)**	6,5	—
3903 90	**– Oħrajn:**		
3903 90 10	– – Kopolimer, ta' sterin waħedha b'alkoħol allilliku, b'valur aċetiliku ta' 175 jew aktar	B'xejn	—
3903 90 20	– – Polisterin brominata, li fiha bil-piż 58 % jew aktar iżda mhux aktar minn 71 % ta' bromu, f'waħda mill-forom imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu	B'xejn	—
3903 90 90	– – Oħrajn	6,5	—
3904	**Polimeri ta' klorur tal-vinil jew ta' olefini aloġenati oħrajn, f'forom primarji:**		
3904 10 00	**– Poli(klorur tal-vinil), mhux imħallat ma' xi sustanzi oħrajn**	6,5	—
	– Poli(klorur tal-vinil) oħrajn:		
3904 21 00	**– – Mhux plastiċizzat**	6,5	—
3904 22 00	**– – Plastiċizzat**	6,5	—
3904 30 00	**– Kopolimeri ta' aċetat ta' vinil-klorur ta' vinil**	6,5	—
3904 40 00	**– Kopolimeri oħrajn ta' klorur tal-vinil**	6,5	—
3904 50	**– Polimeri ta' klorur ta' vinilidin:**		
3904 50 10	– – Kopolimeri ta' klorur ta' vinilidin b'akrilonitril, f'forma ta' żibeġ li jistgħu jespandu b'dijametru ta' 4 mikrometri jew aktar iżda mhux aktar minn 20 mikrometru	B'xejn	—
3904 50 90	– – Oħrajn	6,5	—
	– Fluworo-polimeri:		
3904 61 00	**– – Politerafluworoetilin**	6,5	—
3904 69	**– – Oħrajn:**		
3904 69 10	– – – Poli(fluworidu tal-vinil), f'waħda mill-forom imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu	B'xejn	—
3904 69 20	– – – Fluworoelastomeri FKM	6,5	—
3904 69 80	– – – Oħrajn	6,5	—
3904 90 00	**– Oħrajn**	6,5	—

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Rata konvenzjonali ta' dazju (%)	Unità Supplimentari
1	2	3	4
3905	**Polimeri ta' aċetat tal-vinil jew ta' esteri oħrajn tal-vinil; polimeri oħrajn tal-vinil f'forom primarji:**		
	– Poli(aċetat tal-vinil):		
3905 12 00	**– – F'taħlita milwiema mxerrda (*aqueous dispersion*)**	6,5	—
3905 19 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
	– Kopolimeri ta' aċetat tal-vinil:		
3905 21 00	**– – F'taħlita milwiema mxerrda (*aqueous dispersion*)**	6,5	—
3905 29 00	**– – Oħrajn**	6,5	—
3905 30 00	**– Poli(alkoħol tal-vinil), kemm jekk fih gruppi ta' aċetat mhux idrolizzati u kemm jekk le**	6,5	—
	– Oħrajn:		
3905 91 00	**– – Kopolimeri**	6,5	—
3905 99	**– – Oħrajn:**		
3905 99 10	– – – Poli(formal tal-vinil), f'waħda mill-forom imsemmijin f'nota 6(b) għal dan il-kapitlu, ta' piż molekulari ta' 10 000 jew aktar iżda mhux aktar minn 40 000 u fih bil-piż: — 9,5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 13 % ta' gruppi aċetili stmati bħala aċetat tal-vinil u — 5 % jew aktar iżda mhux aktar minn 6,5 % ta' gruppi idroksini stmati bħala alkoħol tal-vinil	B'xejn	—
3905 99 90	– – – Oħrajn	6,5	—
3906	**Polimeri akriliċi f'forom primarji:**		
